MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1994/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Carmelo Giordimaina**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija w erbgha u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm474.70c) rapprezentanti bilanc ta' hsarat sofferti mill-Korporazzjoni attrici f'incident tat-18 ta' Frar, 2000 fi Triq San Luqa f'Marsascala meta grat hsara f'cable tad-dawl.

Ra r-Risposta tal-konvenut li fl-ewwel lok eccepixxa li t-talba hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mhux dovut. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2004 l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet irtirata u li l-kontestazzjoni baqghet biss fuq il-mertu.

Sema' x-xhieda ta' Paul Portelli, Antoine Muscat, WPS 23 Josephine Moore u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi fit-18 ta' Frar, 2000 il-konvenut kien imqabbad minn certu Caruana sabiex jaghmel xi tiswijiet fil-katusi tad-dranagg fil-post tieghu f'Marsaskala. Il-konvenut inkariga zewg persuni. Hallihom fuq il-lant tax-xoghol u mar jixtri xi materjal. Meta gie lura l-haddiema qalulu li waqt li kienu qed ihaffru t-trinka kien hemm qisa berqa. Ftit wara gew haddiema ta' l-Enemalta u nfurmawh li kienu ghamlu hsara f'cable tad-dawl.

Illi l-konvenut qieghed jikkontesta r-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni.

Il-konvenut waqt ix-xhieda tieghu xehed illi l-hsara ma gietx ikkawzata proprju minnu izda min-nies minnu nkarigati liema nies kienu mhux impjegati bil-ktieb imma taht forma ta' appalt. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 1642 tal-Kodici Civili li jistipula li l-kuntrattur hu responsabbli ghall-atti tan-nies minnu nkarigati u ghalhekk m'hijiex difiza valida ghall-konvenut li jsostni li ma kienx hu personalment li kien qed ihaffer it-trinka in kwistjoni.

Illi inoltre, mid-dokument esebit WPS2 li huwa ffirmat mill-konvenut dakinhar stess ta' l-incident hemm miktub hekk:

"I, Carmelo Giordimaina ………………………… do hereby declare that I am making good for the damages caused to high tension cables situated at St Luke's Road,

Marsascala, such damages caused by me on 18/02/2000 to the detriment of Enemalta Corporation."

Din hija ammissjoni cara ta' responsabbilta' ghall-incident.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

Aktar tard dakinhar ghall-habta ta' xi l-4.00p.m gew il-haddiema tal-Korporazzjoni attrici fejn kienu ser ihaffru t-trinka biex jaghmlu t-tiswijiet. Il-konvenut minn jeddu ghazel li jhaffer it-trinka huwa stess biex b'hekk ikunu jistghu jsiru t-tiswijiet relattivi. Il-konvenut haffer trinka twila xi tlettax-il pied (13") u cjoe' ekwivalenti ghal ftit aktar minn erba' metri (4m).

L-incident in kwistjoni sehh fit-18 ta' Frar, 2000 u l-Korporazzjoni Enemalta kienet ghamlet stima in konnessjoni mat-tiswijiet relattivi fejn ikkalkolat li d-danni kienu ser ikunu mat-tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm389.97c) u dawn kwantu ghal mija w erbgha u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm194.97c) bhala parts u l-bilanc rapprezentanti labour.

Issa dwar l-istima tal-materjal uzat, fil-kawza odjerna l-atturi qed jitolbu s-somma ta' mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm241.57c) li jirrapprezenta awment ta' hamsa u tletin fil-mija (35%) fuq l-istima. Il-Korporazzjoni attrici tipprova targumenta illi hija gustifikata li titlob dan l-awment ta' hamsa u tletin fil-mija (35%) fil-valur tal-parts. It-Tribunal ma jaqbilx ma' dan.

Jekk il-parts jiswew mija w erbgha u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm194.97c) dak huwa l-ammont li ghandu jhallas il-konvenut u xejn inqas u xejn aktar. Effettivament il-konvenut isostni illi l-cable li gie mibdul kien xi zewg jew tlett metri twil. Izda dwar dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi meta cable jinqata' biex jissewwa xi ftit jew wisq jingibed u b'hekk il-gap minn tarf ghall-tarf ikun aktar mit-tul tal-cable maqtugh. Illi inoltre, biex inti ssewwi bilfors trid taqta' aktar milli ghandek bzonn biex inti tkun tista' tahdem il-gonot bil-liberta' u kif

titlob is-sengha u ghaldaqstant uzu ta’ cable ta’ tmien metri (8m) huwa gustifikat tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz. Dwar il-materjal it-Tribunal jidhirlu illi pretenzjoni ta’ mija w erbgha u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm194.97c) huwa gustifikat.

Inoltre, l-Korporazzjoni attrici qieghda titlob li tithallas tal-labour fl-ammont ta’ tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm383.13c). Dwar dan it-Tribunal jinnota illi fuq l-istima l-labour tela’ ghal mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm195). Issa jekk naraw din l-istima l-kont li qed jigi ccargjat huwa ta’ tnejn min-nies ghal 14.75 hours u tnejn min-nies ghal 17.75 hours cjoe’ tnejn min-nies b’total ta’ 32.5 hours. Fid-dokument AM6 a fol 15 tal-process fejn hemm breakdown tal-labour charges ghal tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm383.13c) insibu li fil-fatt hareg kont ta’ erba’ min-nies li bejniethom hadmu total ta’ 63 hours, cjoe’ average ta’ xi ghoxrin siegha kull wiehed. It-Tribunal jidhirlu illi l-labour element mitlub mill-Korporazzjoni attrici huwa esagerat. Ma gew prodotti l-ebda provi li x-xoghol habbathom b’xi mod partikolari.

Inoltre, jirrizulta mill-provi illi l-hsarat in kwistjoni sehhew fis-6.45a.m. Ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-Enemalta kellha tistenna sal-4.15 ta’ wara nofsinhar biex titlob li jibdew isiru x-xoghlijiet. Huma ccargjaw l-*over-time rate* ovvjament ghax imbaghad mill-hamsa ‘l quddiem jibda l-*over-time* izda t-Tribunal irid jenfasizza illi kull danneggjat huwa obbligat li jimminimizza d-danni kemm jista’ jkun. Illi mill-provi jirrizulta illi x-xoghlijiet in kwistjoni bdew mill-4.15 ta’ wara nofsinhar u zgur kienu lesti sas-sitta ta’ l-ghada filghodu u cjoe’ massimu ta’ hmistax-il siegha. (Hawn it-Tribunal qed ikun generuz ghaliex ma tantx huwa konvint li t-tiswijiet verament damu daqshekk izda provi bil-kontra m’hemmx hlief l-affermazzjoni tal-konvenut li sas-6:00a.m l-ghada, meta huwa mar fuq il-lant tax-xoghol, it-tiswijiet kienu lesti).

Hmistax-il siegha ta’ tnejn min-nies igib tletin siegha ta’ xoghol li b’rata ta’ sitt liri Maltin (Lm6) is-siegha (vide average rate f’Dok. AM6) iggib is-somma ta’ mija u tmenin

lira Maltin (Lm180). Din is-somma tikkombacja ma' l-ammont ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm195) indikata fl-istima a fol 26 tal-process u konsegwentement jidhirlu li l-ammont korrett li ghandu jigi likwidat bhala labour ghandu jkun ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm195) u mhux ta' tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm383.13c).

B'hekk il-hsarat totali qieghdin jigu likwidati ghal tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm389.97c) li minnhom jirrizulta mill-provi li l-konvenut gja' hallas mitejn lira Maltin (Lm200) u ghalhekk jifdal bilanc ta' mija u disgha u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm189.97c).

Huwa proprju dan l-ahhar ammont li ghandu jithallas mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u disgha u tmenin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm189.97c) bl-imghax legali mill-5 ta' Novembru, 2003 (data tan-notifika ta' l-Avviz). Fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza, tenut kont tar-rizultanti fuq imsemmija, dawn ghandhom ikunu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------